MSIDA

# KUNSILL LOKALI L-IMSIDA

| | |
|---|---|
| **Referenza:** | **Minuti tas-Seduta 51/K6/2012** |
| **Data:** | **It-Tlieta, 19 ta' Frar 2013** |
| **Post:** | **Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida** |
| **Hin:** | **18.00 pm** |

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Il-Vici Sindku:** | **Sinjorina Margaret Baldacchino** |
| | **Il-Kunsilliera:** | **Dott. Carmelo Grima** |
| | | **Sur Emanuel Abela** |
| | | **Sur Charles Selvaggi** |
| | | **Sur Emanuel Brincat** |
| | **Agent Segretarju Ezekuttiv:** | **Sur Arthur Perici** |
| **Skuzati:** | **Sindku** | **Dr. Clfiton Grima** |
| | **Kunsillier** | **Matthew Agius** |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie publikat nhar it-13 ta' Frar 2013. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 49/K6/2012
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Adgudikazzjon Offerti – Provista u Installazzjoni ta' Litter Bins
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.
9. Aggornament.

**Seduta Nru 51/K6/2012**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 49/K6/2012.**

Il-Minuti tas-seduta 49 gew approvati

Il-Laqgha tmexxiet mill-Vici Sindku fejn intalbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex raprezentanti tal-Kunsill taz-Zghazagh flimkien mal-Youth Worker jinfirmaw lill-Kunsill dwar l-izviluppi tal-progett li qed jipproponu.
Il-Kunsill laqa' din it-talba.
Il-Kunsill gie nfurmat li l-preparamenti tal-progett approvat mill-Kunsill, miexjin gmielhom. Prezentament qed nahdmu fuq id-disinn fejn ser tinzamm attivita' ghall-ghaqdiet kollha biex finalmente jintghazel id-disinn.
Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsill taz-Zghazagh ghall-hidma tieghu u awguralhom kull success.

**Punt 2 Materji mil-Minuti.**

1633 – 1599 Dott. C. Grima ressaq xi punti mitluba mill-Kunsillier Matthew Agius. M Agius kien staqsa lis-Sindku dwar il-kwistjoni ta' Triq Censu Farrugia. Is-Sindku kien qallu li saret laqgha bejn Joe Demarco, TM u l-Kuntrattur. M Agius talab lis-Sindku jirraporta l-ezitu ta' din il-laqgha u s-Sindku ma kienx jaf. Din l-informazzjoni kellha titressaq fil-laqgha tal-lum.

1634 – Il-Kunsill talab li tigi inkluza nota li fil-Laqgha 49 is-Sindku talab li jigi skuzzat mill-kumplament tal-laqgha wara item 1610 (6.30pm).

1635 - 1617. Tizdied li "il-Kunsill qabel mal-proposta li jsir moniteragg minn Pulizija pajzana.

1636 - 1597. M. Agius baghat jinforma lill-Kunsill li l-laqgha mal-Kap tal-Fakulta tal-Chemistry u mal-Kap tas-Sustainable Developement saret u attendew ukoll is-Sindku u Vici Sindku. Il-Laqgha kienet wahda posittiva u gie miftiehem li raprezentanti tal-Universita' ser jippreparaw proposta u jghadduha lill-Kunsill.

1637 - 1598. E. Brincat informa lill-Kunsill li saret laqgha mas-Sur Josie Brincat minn TM flimkien ma' Joe Demarco. Tkellimna kif tahdem is-sistema ta' un/loading u dwar massimu ta' 8 sieghat f'24 siegha.
Joe Demarco qed jigbor database ta' un/loading bays fl-Imsida.

1638 - 1599. F'isem M Agius, Dott. C Grima talab update dwar linji/kaxxi sofor fi Triq Victor Denaro. E Brincat qal li ghadu ma marx jiccekja pero ser isir mezz li jmur jara fuq dan l-ilment.

1639 - 1602. C. Selvaggi talab update fuq xoghol ta' manutenzzjoni li kellu jsir fil-funtana ta' Rue d'Argens. Il-Vici Sindku qalet li din tnaddfet, inbiddlu xi kaptelli pero' parti mill-hajt li ghandu d-disinn irid jigi ordnat mill-gdid.

1640 - 1603. C.Selvaggi talab update dwar il-kaz ta' Vivian Commercials. E Brincat qal li hemm korrispondenza fuq din il-materja (ref: 0096/13). Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li t-talba ta' Vivian Commercials ma jistax tigi milqugha habba issues ta' Hazard u safety. Il-Kunsill sahhaq li nesigu li ma tinkissirx il-ligi u nzommu responsabbli lil kull minn jikser il-ligi u johloq xi accident. Il-Kunsll talab li tintbaghat korrispondenza b'din id-decizzjoni lill-Vivian Commercials.

1641 – 1609. F'isem M Agius, Dott C Grima talab update dwar l-istimi ta' Triq EH Furse. E Brincat qal li –talba ghall-istima sare pero' ghadna qed nistenew l-istimi.

1642 – 1611. Dott C Grima talab update dwar il-Kaell Childcare Centre. Il-Vici Sindku qalet li s-sistema mhux qed tahdem peress li daqiet kienu qed juzaw id-day centre u daqiet is-sala tal-Kunsill. Ghalhekk ma kienetx prattika li kull darba joqghodu jgorru l-affarijiet minn sular ghall-iehor. Ghalhekk iddeciedew li ghalissa ma jaghmlux aktar uzu mill-premises tal-Kunsill.

1643 – 1612. Dott C Grima f'isem M Agius staqsa jekk il-laqgha mas-Sur Spiteri dwar il-hammiem saritx. Il-Vici Sindku qalet li l-laqgha ghada ma saritx u ser titkellem ma' M Agius dwar dan.

1644 – 1613. Dott. C Grima staqsa dwar il-kaz ta' Meditteranean Insurance Brokers. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li d-dokumenti relatati mal-kaz intbaghtu lill-Avukat tal-Kunsill.

1645 – 1614. Dott C Grima staqsa dwar ix-xoghlijiet u kontijiet pendenti ta' Road Maintenance Services Ltd. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li l-korrispondenza kollha relata ma' din l-issue intbaghtet lill-Avukat tal-Kunsill. E Brincat gie awtorizzat mill-Kunsill sabiex jikkordina t-testijiet li hemm bzonn isiru fuq ix-xogholijiet li saru. Dan ser isiru minn Terracore Ltd.
Dott C Grima sahhaq fuq id-dewmien sabiex jihargu c-certifikati tax-xogholijiet li saru mill-Perit tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li sakemm jigu solvuti dawn l-issues, ma jinhargux pagamenti lill-Perit.

1646 – 1618 – Dott C Grima staqsa kif bqajna ma' TM dwar l-approvazzjoni tal-bankina fi Triq Santa Andrija Swatar. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li t-talba ntbaghtet lit-TM u qed nistennew risposta.

1647 – 1620. Dwar is-salarji tal-istaff klerikali E Brincat qed jissugerixxi li Mirane Camilleri titla minn Scale 13 ghal Scale 12 filwaqt li Marisa Xerri Demanuele tibqa' kif inhi peress li ghada taht probation.
Il-Kunsill qabel dwar dan.

1648 – 1629 F'isem M Agius, Dott C Grima staqsa fuq l-izviluppi li saru fuq is-Service Pillars. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li wara l-approvazzjoni tal-MRRA biex jisuplixxu Service Pillar, il-Kunsill qabel li jaghmel ix-xoghol ta' preparazzjoni pero hemm l-issue ta' l-applikazzjoni tal-meters u r-running costs taghhom. Il-Vici Sindku ser titkellem ma' M Agius dwar dan u jitkellmu ukoll mal-President tal-Kumitat tas-Sajd.

1649 – 1630. Dott C Grima u E Abela staqsew meta ser titwahhal l-ispeed moderador fi Triq Bishop Caruana.
E Brincat qal li din trid terga titwahhal fejn kienet, Triq Mons Caruana ma' Triq Victor Denaro.

**Punt 3 Korrispondenza.**

1650. Dwar re-allokazzjoni ta' Bus Stop f'Rue d'Argens (Andrew Haig), il-Kunsill talab lil Joe Demarco sabiex jiccekja u jinforma l-Kunsill dwar dan.

1651. E. Brincat talab li tigi rilaxxata l-garanzija bankarja ta' Maurice Cini mal-MEPA. Il-Kunsill qabel ma' dan.

1652. Talba minn sid il-hanut Corner Butcher ghal un/loading bay. Jirrizulta li vicin tieghu hemm kaxxa safra . E Brincat qal li tkellem mas-sid il-hanut sabiex il-kaxxa s-safra tigi un/loading bay. Kien hemm qbil fuq dan u il-Kunsill approva jsir it-tabella mehtiega.

1653. Korrispondenza 0110/13/1 – Claim fuq hsara fuq tyre ta' carroza € 68. Il-Kunsill qabel li din tigi mhallsa.

1654. Korrispondenza 0107/13/1 - Talba biex isir banner quddiem il-Junior College. Il-Kunsill aprova li jitwahhal dan il-banner pero ma ghandhux jehel mas-sigar.

1655. Fi Triq Testaferrata hemm xi hsarat f'papijiet tal-ilma. E Brincat ser jitkellem mal-Kuntrattur Desira u ma' Joe Demarco fuq il-kaz.

1656. E Brincat wera l-apprezament tieghu u tal-familja ghas-soghba u solidarjeta murija maghhom fit-telfa t'ommu. Grazzi tmur ukoll lill-Kunsill u lill-Assocjazzjoni tl-Kunsilli Lokali.

**Punt 4 Kumitat Amministrattiv Swatar**

1657 Dwar il-gate qed nistennew minghand il-Kuntrattur. Il-Gate trid tinbiddel u ghalhekk intlabet laqgha mal-kuntrattur.

1658 Qed nahsbu li jsiru stickers habba l-uzu ta' garaxxijiet sabiex jitqassmu lis-sidien tal-istess garaxxijiet.

**Punt 5 Adgudikazzjoni Offerti – Provista u Installazzjoni ta' Litter Bins**

1659. Tressqet l-iskeda tal-offerti mitfugha fejn qed jigi rrakomandat li l-offerta tinghata lill-Trends Ltd sabiex nimxu ma' materjal reciklat u li l-prodott ikun konformi mal-ispecifications tal-offerta.
Il-Kunsill qabel ma' dan.

**Punt 6 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet.**

1660. Il-Vici Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazzjoni. Il-kontijiet gew approvati u sekondati minn E Brincat u C Selvaggi. Il-lista giet iffirmata ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 7 Approvazzjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto –Kumitati**

1661 N/A

**Punt 8 Affarijiet ohra jekk urgenti**

1662. Il-Vici Sindku rreferiet ghall-kundizzjonijiet ta' xoghol ta' Rachel Aquilina fejn f'minuta 940 u 979 ta' laqghat precedenti, fejn kienet intlaqghet it-talba li Ms. Aquilina tahdem ukoll bit-teleworking apparti xoghol mill-ufficcju.
Il-Kunsill qed jikkonferma d-decizzjoni menuda u stqarr is-sodisfazzjon tieghu bix-xoghol li qed isir minn Ms. Aquilina.

1663. Il-Vici Sindku qalet li kemm ilu jiftah il-Kunsill nhar ta' Sibtijiet dejjem hadmet Marisa Xerri Demanuele. Jirrizulta li issa hemm interess minn skrivana ohra li tidhol is-Sibt ukoll.
Il-Kunsill qal li nhar ta' Sibt ma hemmx bzonn aktar minn persuna wahda fl-Ufficcju. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tinharreg Memo lill-istaff klerikali biex jesprimu l-interess taghhom biex jahdmu s-Sibt. Wara li nircievu dawn tinharreg roaster ta' hidma.

**Punt 9 Aggornament**

1664. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ssir fl-ahhar gimgha ta’ Marzu biex jigu approvati l-minuti, bhala l-ahhar laqgha ta’ dan il-Kunsill.

1665. Il-laqgha ntemmet. Hin: 21.00

Approvati llum ____________________________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Clifton Grima | Arthur Perici |
| Sindku | Agent Segretarju Ezekuttiv |